MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Numru. 763/2006

Il-Pulizija
(Spettur Johann J Fenech)

vs

Joseph Cassar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Joseph Cassar (dtt. 17/09/1959), bin George u Catherine nee' Borg, imwieled Zejtun, u residenti 'Kons Garage', Triq Abdosir, Marsaxlokk, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 646859M, li gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-4 ta' Gunju, 2006 ghall-habta tas-7.00a.m., ikkommetta serq ta' flus, dokumenti u oggetti ohra minn go Busuttil

Service Station, Triq tal-Barrani, Zejtun li l-valur taghhom jeccedi l-Lm 50 (hamsin Lira Maltin) izda ma jeccedix il-Lm 100 (mitt lira Maltin) ghad-detriment ta’ Mark Farrugia minn Haz Zabbar.

U akkuzat ukoll talli xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa je mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibeighhom jew imexxiehom;

U akkuzat ukoll li sar recidiv b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ta’ Malta moghtija fit-3/11/1994 li saret definittiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 4 ta’ Awissu, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-27 ta’ Gunju, 2007 ai termini ta’ l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-27 ta’ Gunju, 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huma hatja, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet kif ukoll il-fatt li parti sostanzjali mill-ammont involut gie rritornat lura lill-vittma.

Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (c), 267, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza kif minnu ammessa izda tiddikjarah mhux hati tat-tieni akkuza li minnha qed tilliberah u tikkundannah multa ta’ Lm100 (mitt lira Maltin) li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tithallas f’rati mensili ta’ Lm20 (ghoxrin lira Maltin) bl-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Lulju, 2007 b’dan illi jekk huwa ma jhallasx xi wiehed mill-pagamenti, il-bilanc li jkun ghadu dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hames (5) liri Maltin dovuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------